Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 5 ta' Diċembru 2018**
**(OR. en)**

**XT 21102/18**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0426 (NLE)**

**BXT 120**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 5 ta' Diċembru 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 833 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 833 final.

---

Mehmuż: COM(2018) 833 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.12.2018
COM(2018) 833 final

2018/0426 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. F'konformità mal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tinnegozja mal-Istat li ħiereġ ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu (il-Ftehim dwar il-Ħruġ), li jikkunsidra l-qafas għar-relazzjoni futura tiegħu mal-Unjoni. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ irid jiġi konkluż f'isem l-Unjoni mill-Kunsill, wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Wara n-notifika, il-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50) adotta l-linji gwida fid-29 ta' April 2017. Fl-isfond ta' dawn il-linji gwida, fit-22 ta' Mejju 2017 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati għal Ftehim mar-Renju Unit li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u huwa adotta d-direttivi ta' negozjati relatati. Fil-15 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill Ewropew adotta linji gwida li jissupplimentaw dawk tad-29 ta' April 2017 u li jistabbilixxu l-prinċipji u l-kundizzjonijiet għal kwalunkwe arranġament tranżizzjonali, u wara dan, il-Kunsill, fid-29 ta' Jannar 2018, adotta d-direttivi tan-negozjati supplimentari.

In-negozjati twettqu fl-isfond tal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew ta' hawn fuq u f'konformità mad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill, u b'rispett dovut għar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017, tat-3 ta' Ottubru 2017, tat-13 ta' Diċembru 2017 u tal-14 ta' Marzu 2018.

In-negozjati ġew konklużi u inizjalati fil-livell tan-Negozjaturi Ewlenin fl-14 ta' Novembru 2018. It-test għadda minn reviżjoni legali[1] u dan it-test ġie propost għall-iffirmar.

Il-ftehim dwar ir-relazzjoni futura bejn l-Unjoni u r-Renju Unit jista' jiġi konkluż biss ladarba r-Renju Unit ikun sar pajjiż terz. Madankollu, l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jeżiġi li l-ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ jikkunsidra l-qafas tar-relazzjoni futura mal-Unjoni. Intlaħaq qbil mar-Renju Unit dwar il-qafas għar-relazzjoni futura matul in-negozjati skont l-Artikolu 50 fid-Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, li ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Novembru 2018[2].

### • Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jirrispetta għalkollox it-Trattati u jippreserva l-integrità u l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, kif ukoll l-integrità tas-Suq Uniku u tal-Unjoni Doganali. Huwa jippromwovi l-valuri, l-objettivi u l-interessi tal-Unjoni, u jiżgura l-konsistenza, l-effettività u l-kontinwità tal-politiki u tal-azzjonijiet tagħha. B'mod partikolari,

[1] It-test rivedut legalment tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ġie ppubblikat fi JJ.XX.SSSS u jista' jinsab f'din il-link: https://ec.europa.eu/commission/publications/XXXX_mt.

[2] https://www.consilium.europa.eu/media/37100/20181121-cover-political-declaration.pdf

l-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi l-metodi u l-prinċipji relatati mal-effetti ġuridiċi, mal-implimentazzjoni u mal-applikazzjoni tal-ftehim, li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jsiru applikabbli permezz tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipproduċu fir-Renju Unit l-istess effetti ġuridiċi li jipproduċu fi ħdan l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

- **Drittijiet fundamentali**

Skont l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li għandha l-istess valur legali bħat-Trattati. Barra minn hekk, id-drittijiet fundamentali, kif garantiti mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, u kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, jikkostitwixxu prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni.

Dawn id-drittijiet, libertajiet u prinċipji huma ppreservati u protetti bis-sħiħ fl-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Apparti dan, il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li kull meta ssir referenza għad-dispożizzjonijiet jew għall-kunċetti tad-dritt tal-Unjoni, huma jiġu interpretati u applikati bl-użu tal-metodi u tal-prinċipji ġenerali ta' interpretazzjoni applikabbli fi ħdan l-Unjoni, inkluża l-interpretazzjoni konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-Parti tal-Ftehim dwar id-drittijiet taċ-ċittadini li tiddependi b'mod estensiv fuq id-dritt tal-Unjoni.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Ir-Renju Unit innotifika l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Bħala konsegwenza, l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jikkostitwixxi l-bażi ġuridika għan-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehim ta' ħruġ. Huwa mfakkar li skont l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea japplika wkoll għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

- **Proporzjonalità**

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ isolvi l-aspetti kollha tas-separazzjoni u jistabbilixxi b'mod ċar it-termini u l-kundizzjonijiet tat-tranżizzjoni u t-tul ta' żmien tagħha. B'hekk, il-Ftehim dwar il-Ħruġ huwa xieraq u proporzjonat għall-objettiv tal-iżgurar ta' ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Skont l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-arranġamenti għall-ħruġ għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim bejn l-istat li ħiereġ u l-Unjoni; l-iffirmar ta' ftehim bħal dan għandu jiġi deċiż permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill.

## 3. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Billi l-Ftehim dwar il-Ħruġ jiżgura li kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Renju Unit jirrispettaw l-obbligi finanzjarji li jirriżultaw mill-perjodu sħiħ tas-sħubija tar-Renju Unit fl-Unjoni, l-uniku impatt baġitarju tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għall-Unjoni jirriżulta prinċipalment mit-twaqqif tal-Kumitat Konġunt, magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Il-Kumitat Konġunt, fost oħrajn, se jissorvelja u jiffaċilita l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-Kumitat Konġunt se jiltaqa' tal-anqas darba f'sena, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet. Barra minn hekk, jista' jkun hemm ukoll spejjeż marbuta mat-tnedija eventwali tal-bidu ta' proċedura ta' arbitraġġ taħt is-soluzzjoni tat-tilwim tal-Ftehim. Jekk il-perjodu ta' tranżizzjoni jiġi estiż, ir-Renju Unit se jagħmel kontribuzzjoni għal dak il-perjodu l-ġdid lill-baġit tal-Unjoni li se tiġi trattata bħala Dħul Ġenerali. Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta tagħti dettalji addizzjonali dwar l-impatt finanzjarju stmat għall-baġit tal-Unjoni.

## 4. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

It-Titolu 2 tas-Sitt Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi Kumitat Konġunt li se jimmonitorja kontinwament l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-impatt ta' dan il-ftehim. Il-Kumitat Konġunt huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentanti tar-Renju Unit li se jiltaqgħu tal-anqas darba f'sena u se jissorveljaw u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-ftehim u jiddeċiedu dwar il-kompiti tal-kumitati speċjalizzati u jissorveljaw il-ħidma tagħhom u jemendaw il-Ftehim fejn ikun speċifikament previst fil-Ftehim innifsu. Il-Kumitat Konġunt jista' jagħmel id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu biss bi ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Ma jista' bl-ebda mod jillimita t-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-Unjoni. L-Unjoni u r-Renju Unit jistgħu, permezz tal-Kumitat Konġunt, jiddeċiedu li jemendaw ċerti aspetti tal-Ftehim, f'dawk il-każijiet biss fejn dan huwa previst minnu b'mod speċifiku. Meta l-Partijiet japprovaw tali deċiżjoni, din għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti u l-proċeduri interni applikabbli rispettivi tagħhom.

Il-kumitati speċjalizzati se joperaw taħt il-kontroll tal-Kumitat Konġunt, jiġifieri subkumitat wieħed għal kull waħda mill-partijiet ewlenin tal-Ftehim dwar il-Ħruġ:

(a) il-Kumitat dwar id-drittijiet taċ-ċittadini;

(b) il-Kumitat dwar id-dispożizzjonijiet ta' separazzjoni l-oħrajn;

(c) il-Kumitat dwar il-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq;

(d) il-Kumitat dwar il-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll relatat mal-Arei ta' Bażi Sovrana f'Ċipru;

(e) il-Kumitat dwar il-kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar Ġibiltà; kif ukoll

(f) il-Kumitat dwar id-dispożizzjonijiet finanzjarji.

Il-proposta tipprevedi wkoll rwol għall-Kumitat Konġunt fis-soluzzjoni tat-tilwim, li huwa indirizzat fit-Titolu 3 tal-Parti Sitta tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-abbozz tat-test tal-proposta tal-Kummissjoni għall-Ftehim dwar il-Ħruġ jikkonsisti f'185 Artikolu strutturati f'sitt Partijiet (li jinqasmu aktar f'Titoli u Kapitoli), tliet Protokolli u disa' Annessi, kif ġej:

**L-Ewwel Parti** (Dispożizzjonijiet Komuni) tinkludi d-dispożizzjonijiet komuni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Ftehim"), inklużi d-definizzjonijiet, il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-metodi u l-prinċipji relatati mal-effett, mal-implimentazzjoni u mal-applikazzjoni tal-Ftehim.

**It-Tieni Parti** (Drittijiet taċ-Ċittadini) tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet bil-għan li jiġu salvagwardjati l-istatus u d-drittijiet li joriġinaw mid-dritt tal-UE taċ-ċittadini tal-UE u tar-Renju Unit, u tal-familji tagħhom, li jiġu affettwati mill-ħruġ tar-Renju Unit. It-Tieni Parti tinkludi 4 titoli: it-Titolu I (Dispożizzjonijiet ġenerali), it-Titolu II (Drittijiet u obbligi), it-Titolu III (Koordinazzjoni ta' sistemi tas-Sigurtà Soċjali), u t-Titolu IV (Dispożizzjonijiet oħra).

**It-Tielet Parti** (Dispożizzjonijiet dwar Separazzjoni) tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għal kwistjonijiet oħra relatati ma' kif se jinħall l-irbit tar-Renju Unit mal-Unjoni. It-Tielet Parti tinkludi 13-il titolu: it-Titolu I (Oġġetti mqiegħda fis-suq), it-Titolu II (Proċeduri doganali kurrenti), Title III (Materji kurrenti relatati mat-taxxa fuq il-valur miżjud u mad-dazju tas-sisa), it-Titolu IV (Proprjetà intellettwali), it-Titolu V (Kooperazzjoni tal-Pulizija u ġudizzjarja kurrenti f'materji kriminali), it-Titolu VI (Kooperazzjoni ġudizzjarja kurrenti f'materji ċivili u kummerċjali), it-Titolu VII (*Data* u informazzjoni proċessata jew miksuba qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jew fuq il-bażi ta' dan il-Ftehim), it-Titolu VIII (Proċeduri ta' akkwist pubbliku u proċeduri simili kurrenti), it-Titolu IX (Kwistjonijiet relatati mal-Euratom), it-Titolu X (Proċeduri ġudizzjarji u amministrattivi tal-Unjoni), it-Titolu XI (Proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn Stati Membri u r-Renju Unit), it-Titolu XII (Privileġġi u immunitajiet) u t-Titolu XIII (Kwistjonijiet oħra relatati mal-funzjonijiet tal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni).

**Ir-Raba' Parti** (Tranżizzjoni) tistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni li matulu l-acquis kollu tal-UE se japplika għar-Renju Unit, b'xi eċċezzjonijiet. Matul it-tranżizzjoni, ir-Renju Unit mhux se jibqa' jkun irrappreżentat fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u lanqas mhu se jipparteċipa fit-tfassil tad-deċiżjonijiet u fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-Raba' Parti tistabbilixxi l-arranġamenti tranżizzjonali applikabbli għar-Renju Unit fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni, jew minn Stati Membri li jaġixxu f'isimha, jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu b'mod konġunt. F'konformità mal-Artikolu 129, ir-Renju Unit se jkun marbut bl-obbligi li joriġinaw minn dawn il-ftehimiet. L-Artikolu 130 jipprevedi mekkaniżmu ta' konsultazzjoni li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd tar-Renju Unit għall-perjodu ta' tranżizzjoni. L-Artikolu 131 se jiżgura li l-kompetenza sħiħa tal-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni se tiġi ppreservata fir-rigward tar-Renju Unit, inkluż il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 132 jipprevedi l-possibbiltà li tiġi adottata deċiżjoni unika li testendi l-perjodu ta' tranżizzjoni sa sena (1) jew sentejn (2).

**Il-Ħames Parti** (Dispożizzjonijiet finanzjarji) tistabbilixxi regoli dettaljati dwar is-saldu finanzjarju, inklużi regoli dettaljati dwar il-komponenti tas-saldu finanzjarju kif ukoll ir-regoli għall-kalkolu tal-valur tas-saldu finanzjarju u tal-modalitajiet ta' pagament. Ir-regoli jistabbilixxu wkoll l-arranġamenti għal parteċipazzjoni kontinwa tar-Renju Unit fil-programmi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali sal-għeluq tagħhom.

**Is-Sitt Parti** (Dispożizzjonijiet istituzzjonali u finali) jistabbilixxi r-regoli għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni konsistenti tal-Ftehim u tistabbilixxi Kumitat Konġunt, kif ukoll mekkaniżmu għas-soluzzzjoni tat-tilwim. Din il-Parti tinkludi wkoll l-obbligu fuq il-Partijiet li jagħmlu l-aħjar sforzi biex jippruvaw jilħqu ftehim dwar ir-relazzjoni futura sa tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

Il-**protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq** u l-10 Annessi tiegħu jinkludu d-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-hekk imsejħa soluzzjoni ta' kontinġenza biex tiġi evitata fruntiera fiżika bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Dan se japplika sakemm huwa ma jkunx sostitwit u sa ma jkun sostitwit, kompletament jew parzjalment, minn kwalunkwe ftehim sussegwenti. Il-Protokoll joħloq territorju doganali uniku UE-UK. Dan se jevita l-ħtieġa għal tariffi, kwoti jew kontrolli dwar ir-regoli ta' oriġini bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Huwa jipprevedi wkoll sett ta' miżuri biex jiġi żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Barra minn hekk, il-Protokoll jiżgura li l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU), li jistabbilixxi, fost oħrajn, id-dispożizzjonijiet għar-rilaxx ta' prodotti f'ċirkolazzjoni libera fl-UE, se jkompli japplika għall-Irlanda ta' Fuq. Dan se jiżgura li n-negozji tal-Irlanda ta' Fuq mhux se jiffaċċjaw restrizzjonijiet meta jqiegħdu prodotti fis-Suq Uniku tal-UE. Il-Protokoll jipprevedi wkoll li r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq se jibqa' allinjat ma' sett limitat ta' regoli li huma relatati mas-Suq Uniku tal-UE u indispensabbli biex tiġi evitata fruntiera fiżika: leġiżlazzjoni dwar l-oġġetti, ir-regoli sanitarji u fitosantiarji ("SPS rules"), ir-regoli dwar il-produzzjoni agrikola, il-VAT u s-sisa, u regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Hemm ukoll dispożizzjonijiet li jmantnu s-Suq Uniku tal-Elettriku fuq il-gżira tal-Irlanda. Skont il-Protokoll, iż-Żona Komuni għall-Ivvjaġġar bejn l-Irlanda u r-Renju Unit u d-drittijiet u l-privileġġi assoċjati magħha se jkomplu japplikaw f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE. Il-kooperazzjoni bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar se tkompli wkoll skont kif stabbilit fil-Protokoll, inkluż fl-oqsma tal-ambjent, is-saħħa, l-agrikoltura, it-trasport, l-edukazzjoni u t-turiżmu, kif ukoll fl-oqsma tal-enerġija, tat-telekomunikazzjoni, tax-xandir, tas-sajd intern, tal-ġustizzja u tas-sigurtà, tal-edukazzjoni għolja u l-isport.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi wkoll **protokoll relatat mal-Arei ta' Bażi Sovrana tar-Renju Unit f'Ċipru** (il-protokoll dwar l-SBAs). Billi l-arranġamenti bejn l-Unjoni u l-Arei ta' Bażi Sovrana f'Ċipru għandhom jiġu definiti fl-isfond tas-sbuħija tar-Repubblika ta' Ċipru tal-Unjoni, jenħtieġ li l-protokoll tal-SBAs jistabbilixxi mekkaniżmi xierqa biex jinkisbu, wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-għanijiet tal-arranġamenti stabbiliti fil-Protkoll 3 tal-Att ta' adeżjoni tar-Repubblika ta' Ċipru mal-Unjoni. Kif deskritt fid-Dikjarazzjoni Konġunta tad-19 ta' Ġunju 2018, kemm l-Unjoni kif ukoll ir-Renju Unit impenjaw ruħhom li jistabbilixxu arranġamenti xierqa għall-Arei ta' Bażi Sovrana, "b'mod partikolari bil-għan li jipproteġu l-interessi ta' Ċiprijotti li jgħixu u jaħdmu fl-SBAs wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, b'rispett sħiħ tad-drittijiet u l-obbligi taħt it-Trattat tal-Istabbiliment." L-Unjoni u r-Renju Unit qablu dwar it-termini ta' Protokoll li se jimplimenta dan u li huwa anness mal-Ftehim dwar il-Ħruġ. L-għan tal-Protokoll huwa li jiżgura li d-dritt tal-Unjoni, fl-arei stipulati fil-Protokoll 3 tal-Att tal-Adeżjoni ta' Ċipru, se jkompli japplika fl-Arei ta' Bażi Sovrana, bl-ebda interruzzjoni jew telf ta' drittijiet speċjalment għall-madwar 11,000 ċittadin Ċiprijott li

jgħixu u jaħdmu fl-arei tal-SBAs. Dan japplika għal għadd ta' oqsma ta' politika bħat-tassazzjoni, l-oġġetti, l-agrikoltura, is-sajd u r-regoli veterinarji u fitosanitarji. Il-Protokoll jikkonferixxi r-responsabbiltà fuq ir-Repubblika ta' Ċipru għall-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni fir-rigward tal-parti l-kbira tal-oqsma koperti, bl-eċċezzjoni ta' affarijiet tas-sigurtà u militari.

Fl-aħħar nett, il-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi **protokoll dwar Ġibiltà** li jindirizza l-kwistjonijiet speċifiċi li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni joħloq fir-rigward ta' Ġibiltà. Il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew tad-29 ta' April 2017 jistabbilixxu li "l-ebda ftehim bejn l-Unjoni u r-Renju Unit ma jista' japplika għat-territorju ta' Ġibiltà mingħajr il-ftehim bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit." Dan ġie mfakkar fid-direttivi tan-negozjati supplimentari tal-Kunsill tad-29 ta' Jannar 2018 u fil-linji gwida tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018. Fid-dikjarazzjonijiet tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Novembru 2018, ġiet inkluża d-dikjarazzjoni li ġejja tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni: Wara li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni, Ġibiltà mhix ser tkun inkluża fil-kamp ta' applikazzzjoni territorjali tal-ftehimiet li għandhom jiġu konklużi bejn l-Unjoni u r-Renju Unit. Madankollu, dan ma jipprekludix il-possibbiltà li jkun hemm ftehimiet separati bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Unjoni u b'rispett sħiħ għall-integrità territorjali tal-Istati Membri tagħha kif garantita mill-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dawk il-ftehimiet separati ser jirrikjedu qbil minn qabel mir-Renju ta' Spanja". Barra minn hekk, fl-istess okkażjoni, il-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni ħarġu dikjarazzjoni interpretattiva rigward l-Artikolu 184 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' ftehimiet futuri.

In-negozjati bilaterali bejn Spanja u r-Renju Unit issa ġew konklużi. Il-Protokoll b'referenza għal dawn l-arranġamenti bilaterali huwa anness mal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Il-Protokoll jifforma pakkett b'memoranda ta' qbil bilaterali bejn Spanja u r-Renju Unit fir-rigward ta' Ġibiltà. Dan jikkonċerna l-kooperazzjoni bilaterali dwar id-drittijiet taċ-ċittadini, it-tabakk u prodotti oħra, l-ambjent, il-pulizija u kwistjonijiet doganali, kif ukoll il-ftehim bilaterali rigward it-tassazzjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji. Fir-rigward tad-drittijiet taċ-ċittadini, il-Protokoll jistabbilixxi l-bażi għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-implimentazjzoni tal-Ħruġ relattivament għal persuni li jgħixu fl-area ta' Ġibiltà, u b'mod partikolari ħaddiema bejn il-fruntieri. Fir-rigward tad-dritt tat-trasport bl-ajru, huwa jistabbilixxi l-possibbiltà, fil-każ ta' ftehim bejn Spanja u r-Renju Unit dwar l-użu tal-ajruport ta' Ġibiltà, sabiex il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li preċedentement ma kinitx applikabbli hemmhekk, issir applikabbli għal Ġibiltà matul it-tranżizzjoni. Dwar kwistjonijiet fiskali u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji, il-Protokoll jistabbilixxi l-bażi għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-kisba ta' trasparenza sħiħa dwar il-kwistjonijiet tat-taxxa, il-ġlieda kontra l-frodi, il-kuntrabandu, u l-ħasil tal-flus. Ir-Renju Unit jimpenja ruħu wkoll li l-istandards internazzjonali f'din l-area jiġu rrispettati f'Ġibiltà. Fir-rigward tat-tabakk, ir-Renju Unit jimpenja ruħu li jirratifika ċerti konvenzjonijiet fir-rigward ta' Ġibiltà u li qabel it-30 ta' Ġunju 2020, jimplimenta sistema ta' traċċabilità u ta' miżuri ta' sigurtà dwar is-sigaretti. Rigward l-alkoħol u l-petrol, ir-Renju Unit jimpenja ruħu li jiżgura li sistema tat-taxxa li timmira lejn il-prevenzjoni tal-frodi tkun fis-seħħ f'Ġibiltà. Dwar il-ħarsien tal-ambjent u s-sajd u l-kooperazzjoni fi kwistjonijiet tal-pulizija u tad-dwana, il-Protokoll jistabbilixxi l-bażi għal kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti. Kumitat speċjalizzat ġie stabbilit ukoll biex jissorvelja l-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll.

Il-Ftehim jinkludi wkoll l-annessi li ġejjin:

- l-Anness I dwar il-Koordinazzjoni ta' Sistemi ta' Sigurtà Soċjali
- l-Anness II dwar id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 41(4);
- l-Anness II dwar Skadenzi għas-sitwazzjonijiet jew il-proċeduri doganali msemmija fl-Artikolu 49 (1)
- l-Anness IV dwar il-lista ta' netwerks, sistemi ta' informazzjoni u bażijiet ta' *data* msemmija fl-Artikoli 50, 53, 99 u 100;
- l-Anness V dwar EURATOM;
- l-Anness VI dwar il-lista ta' proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 98;
- l-Anness VII dwar il-Lista ta' atti/dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 128(6)
- l-Anness dwar ir-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u tal-kumitati speċjalizzati
- l-Anness IX dwar ir-regoli ta' proċedura għar-riżoluzzjoni tat-tilwim;

Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2019.

2018/0426 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit innotifika lill-Kunsill Ewropew dwar l-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("Euratom"), f'konformità mal-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li japplika għal Euratom bis-saħħa tal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(2) Fit-22 ta' Mejju 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ in-negozjati mar-Renju Unit għal ftehim li jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ tiegħu, li jqis il-qafas għar-relazzjoni futura tiegħu mal-Unjoni.

(3) In-negozjati ġew imwettqa fl-isfond tal-linji gwida tad-29 ta' April u l-15 ta' Diċembru 2017 u tat-23 ta' Marzu 2018 pprovduti mill-Kunsill Ewropew bl-oġġettiv ġenerali li jiżguraw ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom.

(4) Fil-25 ta' Novembru 2018, il-Kunsill Ewropew approva l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim").

(5) Peress li dawn in-negozjati tlestew, il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għat-twettiq tal-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(6) F'konformità mal-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, l-Artikolu 50 tat-TUE japplika għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(7) Il-Ftehim jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li matulu – minkejja l-konsegwenzi kollha tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni fir-rigward tal-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fl-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni – id-dritt tal-Unjoni, inklużi l-ftehimiet internazzjonali, se jkunu applikabbli għar-Renju Unit u fit-territorju tiegħu. Il-Kummissjoni, għalhekk, jenħtieġ li tinnotifika, f'isem l-Unjoni u l-Euratom, il-partijiet oħra għal dawn il-ftehimiet li, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jiġi ttrattat bħala Stat Membru għall-finijiet ta' dawn il-ftehimiet.

(8) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 185 tal-Ftehim jipprevedi li, meta tagħmel in-notifika bil-miktub dwar it-tlestija tal-proċeduri interni neċessarji, l-Unjoni, fir-rigward ta' kwalunkwe Stat Membru li jkun qajjem raġunijiet relatati ma' prinċipji fundamentali tad-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru, tista' tiddikjara li, waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, minbarra r-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew imsemmi fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI, l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni ta' dak l-Istat Membru jistgħu jirrifjutaw li jikkonsenjaw iċ-ċittadini tiegħu lir-Renju Unit taħt Mandat ta' Arrest Ewropew. Huwa, għalhekk, xieraq li tiġi stabbilita skadenza għall-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu minn din il-possibbiltà biex jinformaw lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwarha.

(9) Kif previst fl-Artikolu 50(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit ma ħax sehem fid-diskussjonijiet tal-Kunsill li jikkonċernaw din id-deċiżjoni u lanqas fl-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill Ewropew u l-President tal-Kummissjoni huma b'dan awtorizzati li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

*Artikolu 3*

Immedjatament wara l-iffirmar tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-partijiet l-oħra dwar l-arranġamenti internazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 2(a)(iv) tal-Ftehim, li, soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit ikun trattat bħala Stat Membru għall-finijiet ta' dawk il-ftehimiet internazzjonali.

*Artikolu 4*

Dawk l-Istati Membri li jixtiequ jużaw il-possibbiltà prevista fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 185 tal-Ftehim għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar dan qabel il-15 ta' Frar 2019.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali:*

*1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi*

*dok. 1.4/3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*dok. 1.4/4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*dok. 1.5/1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5/2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. żidiet fil-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività jew komplimentaritajiet akbar). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li inkella kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet ta' finanzjament disponibbli differenti, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

